MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Numru 97/2000

**Il-Pulizija**
**(Sp. Louise Calleja)**

**v**

**Francis Cardona ta' 51 sena bin il-mejjet Paul u Maria imwielda Mangion imwieled Marsa fis-7 ta' Novembru, 1948, li joqghod Numru 44E, Triq San Bernard, Marsa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 964048 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Francis Cardona li gie akkuzat talli
(1) fl-24 ta' Dicembru, 1999 fil-Marsa ghall-habta tas-6.00 ta' filghaxija u fil-gimghat ta' qabel ikkommetta

attentat vjolenti ghall-udur, fuq il-persuna ta' Giovanna Antida Gauci liema persuna ma setghetx tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra indipendenti mill-eghmel tal-u can bi ksur tal-artikolu 207 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija Giovanna Antida Gauci kontra l-volonta' taghha, jew ta l-post biex din l-persuna tigi arrestata, mizmuma jew sekwestrata u dan bhala mezz biex l-imsemmija persuna tigi mgieghla taghmel xihaga jwe toqghod ghal xihaga li toffendi l-misthija tas-sess taghha u dan bi ksur tal-artikoli 86 u 87.1 (g) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali li bihom skond hu ghandha tinsab htija ai termini ta' l-artikoli 207, 86, 87, 20, 22, 533 ilkoll tal-Kapitlu 9.

Rat ukoll illi l-akkuzat ma kellu ebda ogezzjoni ghal proceduri sommarji.

Ikkonsidrat

Illi in ezami ta' din il-kawza rrizulta li hemm zewg xhieda okulari ta' l-incident in dizamina cioe l-allegata vittma Giovanna Antida Gauci u missierha.

Ghalhekk Giovanna Antida Gauci xehdet illi hi kienet ilha minn sitt sa seba' snin issewwi ghand l-akkuzat li jaghmel xoghol ta' skarpan. Ziedet illi dan l-ahhar erba' gimghat kienet haditlu izjed xoghol, kien jittrateni biex ilestlih l-istess xoghol b'dan li kien ikollha tmur aktar ta' spiss. Qalet li dana l-ahhar lanqas kien izommilha flus. Qalet ukoll illi dan l-ahhar anke kien isaqsiha fejn kienet sejra u kien jistedinha biex toqghod mieghu.

Irrakontat illi lejliet il-Milied marret tigbor zarbun u stedinha biex tidhol gol-garaxx fejn solitamnet kien isewwi l-istess. Dahlet, qabdilha jdejha u ma setghatx ticcaqlaq.

Nehhielha l-basket minn ma’ spallejha u tefghahulha fuq bank minn fejn hi ma setghetx iggibu. Meta pprovat tinqala’ minn mieghu ghax beda jaghfasha qalilha li jitlaqa’ meta jrid hu. Tghid li fil-fatt missierha qabad lill-akkuzat imissilha sidirha u jdawrilha sidirha b’idejh.

Tghid ukoll li ma kinitx taf li hu kien qed jittantaha b’dan li kien qed jaghmel u lanqas id-diskors li kien jghidilha anke f’okkazjonijiet precedenti.

Xehdet a fol 18 illi sidirha kien messulha kemm-il darba anke li kien hemm okkazjoni fejn ir-ragel ta’ oht l-akkuzat kien qabdu jaghmel hekk. Ziedet illi kien ikellimha doppju sens u ..” illum il-gurnata jien minhiex zghira u nifhem meta d-diskors ikun doppju sens…”.

Kompliet hekk (a fol 18 – 19) “ Din li se nghidlek kemm il-darba ghamilha. Tghidli mela ghalfejn qghadt ghaliha. U kont nghid li din li ha taghmel la jien m’jien se nhallik u kien jghidli ghalfejn qed tibza’ li ser nghamillek xi haga……..Kien jaqbad jinza’ l-jeans jiftah il-buttuni innizzel z-zipp, igerri gismu u jgib il-liba u jitnaddaf bit-tissues”.

Qalet ukoll illi f’erba’ gimghat hi haditlu ghat-tiswsija pocket tan-nuccali tax-xemx, zewg portmonijiet, pocket tal-make-up, basket tal-make-up. Dawn irrangahomla b’xejn.

Mistoqsija mill-Qorti ghalfejn nonostante dan kollu li kien qed jigrilha, baqghet tmur ghand l-akkuzat wiegbed “Ghax kien ghad kelli x-xoghol ghandu hux”. Mistoqsija ghaliex hadiltlu xoghol gdid “Jekk jiena dejjem insewwi ghandu ghand min tridni nsewwi?” ( a fol 21).

Tghid ukoll li hi ma kinetx taf li hu kien qed jittantaha.

Giet mistoqsija ukoll jekk matul dawn l-rbgha gimghat li hi allegat dan l-abbuz kemm verbali kif ukoll fisiku, jekk hi hassietx il-bzonn li tigi kkumpanjata minn terza persuna, wiegbet li maghha ma hadet lil hadd..

Fit-tieni darba li xehdet li hi lill-akkuzat dejjem kienet tghidlu biex jitlaqa' ghax ma kinetx ta' dawk l-affarijiet. Mistoqsija jekk qattx ippruvat titlaq wiegbet li hu kien izommha hemm billi kien jghidilha "..ibqa' ftit iehor u jien kien igibni bejn nar u ilma" a fol 39).

Qalet li dawn l-affarijiet ghamilhom kemm quddiem huh kif ukoll ir-ragel ta' ohtu.

Ziedet is-segwenti ". jien ma kontx naf li qed nigi ttanta mbaghad mort niftah qalbi ma' ommi kollox cara u tonda u qaltli taf li kont taf qed tigi ttantata." Mistoqsija nonostante li kienet qed tigi esposta ghal dawn l-affarijiet kull meta tmur, anzi fi kliemha kuljum, u cioe specifikatament illi jmissilha sidirha l-parti taghha jimmasturba quddiemha, b'dan kollu hi ma kinitx indunat li qed tigi ittantatha, wiegebet " Ghax jien ma ndunajtx ghax jien ma ginix dak il-hsieb" ( a fol 42). Il-Qorti baqghet tinsisti max-xhud fuq dan il-fatt l-aktar gravi bhala allegat attentat ghall-pudur tal-masturbazzjoni quddiemha lix-xhud qalet a fol 43 li kienet tigri kull darba li kienet tmur ghandu. Wiegbet li kienet tmur ghax verament kien ikollha x-xoghol ghandu u ghax fin-nuqqas ta' hekk kien jghidilha biex l-ghada tmur. Mistoqsija minn fejn tghallmet il-kelma iggerrih, dan ghaliex kif se jigi espost aktar tard s-sinjorina Gauci hija persuna bi bzonnijiet specjali, wiegbet li hi ma kienetx tifla zghra u li kellha tlieta u tletin sena. Mistoqsija ghala jekk kien idejjaqha ghala ma baghtitx lil xi hadd iehor jigbor l-affarijiet minghandu wiegbet li hu kien jheddida.

Kif gia premess xhud iehor okulari kien missier Antida u cioe Philip Gauci li xehed li inkwantu bintu kienet kif inhi hu kien isegwiha mill-qrib. Ghalhekk meta martu qaltlu li l-iskarpan kienet qed tokorha ghajnejha minnu hu mar ifittex lil bintu ghandu u hemm minn gol-bieb imbexxaq ra lilu, l-iskarpan jaqbdilha sidirha u jigbidha fuqu. Qal li kien ramielha l-baskett fil-kantuniera. Qal ukoll li rah jaqbdilha l-patata, jaqbdilha sidirha u li bdiet tirrezisti billi bdiet timxi lura u billi tghidlu hallini u hu jwegibha oqghod isma' u issa nghidlek. Qal dana x-xhud li nonostante lil bieb kien fuq il-gangetta hu ma setghax jifthu u beda jitlob lill-istess

France li jifthu u dan hekk ghamel u kien hawn li xammarlu daqqa ta' ponn go wiccu. Qal li kull ma qallu kien biex ma jmissux u li ma kien ghamlilha xejn.

Mary Gauci omm Antida xehdet li bintha kienet anke qaltilha li l-iskarpan kien anke talabha biex tmur tnaddaflu. Xehdet ukoll li bintha fethet qalbha maghha dikinhar ta' l-incident. Qalet ukoll din ix-xhud li kellhom daqshekk bzonn ta' l-iskarpan ghax kienet ghamlet operazzjoni f'saqajha u kellha bzonn xi alterazzjonijiet fiz-zraben.

Charlot Gauci hu l-allegata vittma xehed li ommu kienet qaltlu b'dak li gara lil ohtu, hlief li hu xehed li skond ma qaltlu ommu dana gara bil-bibien maghluqin.. Fuq din l-informazzjoni dana Charlot mar l-ghassa ghall-ghajnna u mar ukoll jikkonfronta lill-akkuzat. Dan mal-ewwel qallu li lil ohtu ma kien ghamlilha xejn. Pero xehed li meta waslu l-pulizija fuq il-post quddiemhom ammetta illi kien qabdilha sidirha, l-parti taghha l'hemm u l'hawn ( a fol 62).

Min-naha l-ohra P.C. Edmund Grech xehed illi l-akkuzat fil-presenza tieghu x'hin kien hemm anke Charlot, qal li lilha cioe lil Giovanna Antida kien messha ghax hi kienet qed timblokka entratura minn fejn ried jghaddi hu.

Min-naha tieghu l-akkuzat ghazel li jixhed, kien anke iirilaxxa stqarrija lil pulizija investigativa. Fil-fatt fix-xhieda tieghu hu tista tghidli kkonferma dak li kien gia qal fl-istqarrija. Jghid l-akkuzat li hu lil Antida kien jafha ghax kienet issewwi z-zraben ghandu. Ma baqax johdilha flus ghax zijietu kienu nhbieb tal-genituri taghha.

Innega li hu abbuza minn Antida. Spjega dak li gara b'dan il-mod. L-ewwelnett qal li l-bieb kien mizmum fuq gangetta. Qal li dakinhar Antida habbtet il-bieb, qalilha biex tidhol, dak il-hin fil-garaxx ma kien hemm hadd. Qaltlu li kienet se toqghod naqra hdejh. Qal ukoll illi l-uniku kuntatt li kien hemm bejnu u bejn Antida kienet limitata ghal fatt illi hu ried jghaddi hi minhabba il-xuna taghha kienet xi fit jew iehor qed timblokkalu l-access ghalhekk ghad minn maghha messilha spallejjha u

hakkilha ma zaqha. Dak il-hin gara li gie missierha. Gara li gara.

Qal li pprova jispjega lil missier Antida li ma kienx se jabbuza minn bintu hemm gew inkwantu kulhadd kien diehel u hiereg.

Min-naha tieghu Cardona qal li Antida kienet tmurlu l-garaxx ghall- habta tal-hamsa u ghoxrin u taghmel xi tliet kwarti hemm mieghu.  Jammetti illi meta dakinnhar ta' l-incident Antida riedet toqghod hdejh u talabha wkoll biex toqghod mieghu u hi accettat.

Innega li hu b'xi mod zammha kontra l-volonta' taghha u li talabha taghmillu xoghol fid-dar tieghu.

Innega l-fatt li hu messha f'xi mod indicenti jew li mmasturba quddiemha, spjega li l-garaxx tieghu kien ikun miftuh ghall-pubbliku u li qatt dahal huh fuqhom fil-garaxx.

Tkellem dwar il-fatt illi  ghall-ahhar erba' gimghat qabel l-allegat incident bdiet tehodlu affarijet aktar ta' spiss. Spjega wkoll illi hi kienet toqghod hdejh minn jeddha alavolja kien jibghatha minhabba d-dlam u anke ghax kienet tilbes hafna deheb u taghmel il-make-up. Qal ukoll illi kien isaqsiha jekk ommha kienetx taf li hi kienet hdejh u kienet tirrispondi fl-affermattiv.  Zied li kienet issaqsih kif jissaporti minghajr mara, stante li l-akuzat kien ilu ghal zmien twil separat, li kienet thakkek mieghu. Ammetta li kienu jiddiskutu flimkien il-problemi ta' xulxin. Qal li biex thajjru Antida kienet "Tmissli kuxtejja, tmissli rasi toqghod tmellisni, tmissli widnejja" ( a fol 152).

Insista l-akkuzat illi hu qatt ma talab mahfra lil missier Antida, anzi donnu implika li barra li Antida kienet tittantah dan seta kien qed isir bil-kunsens jew ideat ulterjuri tal-genituri taghha.  Qal li kienet hi li riedet tibqa' hdejh dakinnhar tarah waqt li hu kien qed iwahhal xi velcro. Zied li ghalih Antida kienet mara normali ghajr ghal impediment fiziku f'saqajha u idejha.

Xehdu wkoll in difeza hu l-akkuzat u r-ragel ta' ohtu. Ta' l-ahhar Anthony Zahra xehed li mhux talli ma kienx ra lil akkuzat jaqbdilha sidirha talli lanqas kien jaf min hi. Qal li hu ghal tliet snin kien iqieghed il-karozza fil-garaxx fejn gara l-allegat incident pero' li llum lil hatnu, l-akkuzat ma kienx ghadu jkellmu. Zied li hu sar jaf bil-kawza propjament qabel ma dahal jixhed.

Minn-naha tieghu Henry Cardona nnega li hu qatt ra lil huh jahtaf lil Antida fil-garaxx. Qal li hu jmur il-garaxx kuljum u li gieli nzertaha hemm, zied li fil-garaxx tista' tidhol jekk tgholli l-gancetta.

Ikkonsidrat

Illi qabel din il-Qorti ma tghaddi biex taghmel valutazzjoni tax-xhieda prodotti ikun ghaqli li wiehed anke jistabilixxi in succint dak li qalu l-esperti minnha nominati fil-konfront ta' l-istat ta' Antida ghax thoss li dana kollu jincidi sew fuq l-ezami tal-llum inkwantu anke jidher li din il-Qorti hija konfrontata b'xhieda pjuttost opposta.

Dr.Mario Scerrri kkonkluda illi Antida Gauci illi hemm flexure spasm fil-muskoli tal-estremitajiet u nferjuri tan-naha tax-xellug, ghalhekk huwa qal ukoll il-muscle power fid-drgh ix-xellugi ta' Antida kien ridott. Ikkonkluda wkoll illi hi kienet tbati minn kundizzjoni simili ghal cerebral palsy.

Min-naha taghha Dr Ethel Felice  psikjatra ikkonkludiet "…illi Antida Gauci kienet tbati minn ritardiment mentali ( learning disability) ta' grad moderat akkumpanjat minn cerebral palsy flimkien ma' epilepsija pjuitost kkontrollata u taht influwenza ta' dosagg qawwi ta' psikotropici.

Ghalkemm Antida Gauci, minhabba l-istat mentali taghha, ma nistghux nghidu li ma kienetx kapaci taghti l-kunsens validu, jew li b'xi mod iehor setghet tigi klassifikata bhal unsound mind nistghu nghidu izda, fuq bilanc tal-evidenza nikkonkludu  li hemm percezzjoni tas-sitwazzjoni, kemm fil-gudizzju tal-fatturi u kemm l-apprezament tal-konsegwenzi kienu minimanti (imnaqqsa) u ghalhekk

setghet kienet suggestiva hafna ghar- riskji minhabba nuqqas ta’ resistenza.” ( a fol 102).

Qabel dana kollu l-psikjatra qalet ukoll illi l-fatt li Antida kienet tbati minn cerebral palsy fejn bicca minn mohha ma kienx jiffunzjona, kienet suggetta ghal attakki ta’ accessjonijiet u kienet il-hin kollu taht influenza psikotropika li jirrendu l-percezzjoni, ir-rieda u l-gudizzju difettuz.

Illi din il-Qorti irriproduciet dana kollu ghax wara anke li qrat in-noti tal-partijiet hija rinfaccata b’zewg sitwazzjonijiet fattwali opposti u cioe l-akkuzat ghamel dak lilu addebitat jew semplicement huwa invenzjoni ta’ Antida dan ghaliex Antida minhabba s-sitwazzjoni taghha hija ferm suxxetibbli ghal influwenza esterna, allura qaghdet ghall-affarijiet lilha proposti mill-akkuzat jew tant ghandha percezzjoni hazina tal-hajja illi l-attenzjoni lecita li tircievi minghand Cardona ftehmet minnha mod iehor.

Illi certamnet din il-Qorti ghalkemm taqbel ma’ l-interpretazzjoni moghtija nozzjonijiet legali fin-nota tal-Prosekuzzjoni ma tistax taqbel mal-fatt minhom espost li l-bieb tal-garaxx kien maghluq. Dan ghaliex kien ben kontradett mill-istess allegata vittma, minn misssierha li pero’ sab diffikulta’ biex jifthu, altrimenti hu kif setgha ra dak li xehed li ra, mill-istess akkuzat u anke minn huh li tkellem biss fuq kif solitament jithalla l-bieb.

Il-fatt li l-bieb kien maghluq seta’ jaqbel sa certu punt lill-akkuzat ghax kieku missier Antida ma seta jara xejn pero’ fl-istess hin kien jitfa’ anke dell ikrah fuq Cardona.

Min-naha l-ohra ma tistax ma taqbilx ma’ dak espost fin-nota tad-Difiza fejn qalet li, kien hemm certa kontradizzjonijiet fil-verzjoni moghtija minn Antida u dan fil-konfront taz-zewg persuni minnha msemmija li raw l-incidenti li hi kienet qed tattribbwixi lill-akkuzat cioe Anthony Zahra u Henry Cardona.

Daqstant iehor huwa stramb il-fatt illi Antida ghalkemm kienet qed tigi soggetta ghal azzjonijiet mill-akkuzat li lilha

kienu qed idejquha bhal diskors, tbaghbis tal-partijiet seswali taghha u sahansitra li l-akkuzat jimmasturba quddiemha u ta' dan hi tat deskrizzjoni pjuttost grafika, xorta baqghet tmur ghandu b'mod regolari u minghajr ma tiehu maghha terza persuna biex isservi ta' xkiel ghal dana kollu. Dan jista' jigi spjegat fuq zewg binari jew il-kundizzjoni ta' Antida hija tali li ma tippermettilhiex gudizzju normali u anke taghmilha soggetta ghal influwenza aktar minn haddiehor, u hawn in linea ma' dak li qalet l-espert psikjatriku jew inkella il-gudizzju taghha hekk affettwat ma hallihiex verament tapprezza sitwazzjoni li hi kienet qed tfittex tant li tasal biex tghidlek li hi ma kienetx indunat li kienet qed tigi ttantata.

Pero' jibqa' l-fatt illi mix-xhieda prodotta hemm certu fatturi li xejn ma jaghmlu sens, hemm qbil bejn dak li xehed il-missier u Antida f'dak li gara fil-gurnata tal-24. Jibqa' l-fatt illi inkwantu seta' jarahom il-missier u in kwantu hu kien jaghmel xoghol ta' skarpan, allura seta anke jarahom terzi li ghazlu li jidhlu fil-garaxx. Stramb ukoll il fatt illi x-xhieda in support tar-rakkont ta' Antida merewha kompletamnet. Stramb ukoll il- fatt illi din it-tfajla daqhekk soggetta ghal dan l-abbuz nonstante li tiddeskrivih daqshekk car attivitajiet sseswali u li tibqa' tmur esposta ghalihom imbaghad trid li titwemmen li hi ma kienetx taf li kienet qed tigi abbuzata.

Bla ma l-Qorti trid b'xi mod tidiminizza lil Antida u in kwantu hemm dubju fuq il-fatt ta' jekk fil-fatt Antida giex fil-fatt b'xi mod skandalizzata din il-Qorti hi tal-fehma li huwa zgur li sa xi livell xi haga bejn l-akkuzat u Antida gara. Pero' in kwantu ghall-komportanment ta' Antida jhalli dubju kbir a favur l-akkuzat in kwantu mhux car jekk Cardona hax vantagg fuq tfajla kif affettwata f'liema kaz allura huwa ghandu jwiegeb ghal azzjonijiet tieghu inkwantu huwa hati ta' azzjoni ghal kollox immorali min-naha l-ohra pero hi stess tghid li hi mara ta' tlieta u tlettin sena u donnha jew ahjar jista' jkun li ghazlet hi li tigi esposta ghal dak kollu li gralha. Huwa ghalhekk illi din il-Qorti thoss li hemm ragunijiet bizzejjed li jikkreaw dubbju favur l-akkuzat u ghalhekk qed tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------